**Fil-Qorti tal-Appell Kriminali**

**Mag. Dr. X X**
**Deċiża 14 ta' Lulju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Y Y)**

**vs**

**Damian**

**Rikors tal-appell ta' Damian**
**Jesponi bir-rispett:**

Illi l-esponent kien akkuzat talli nhar l-24 t' Ottubru 2010 seraq vettura tal-amla Toyota minn gewwa l-car park ta' Tas-Sliema.

Illi b'sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 2017 l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabitu hati ta' din l-imputazzjoni u kkundannatu ghal sena prigunerija.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn tali sentenza u interpona tali appell.

Illi <u>**l-fatti fil-qosor**</u> kienu s-segwenti:

Nhar l-24 t'Ottubru 2010 r irraporta gewwa l-Ghassa ta' San Giljan li l-karozza tieghu ma sabhiex fil-post fejn kien ipparkjaha u kien lemaha vicin tar-residenza li tinsab fi Triq il-Kbira San Giljan.

Il-Pulizija marru fil-post indikat u hemmhekk lemhu lill-esponent qieghed bilwieqfa quddiem din il-vettura. Hu gie mistoqsi jekk dik il-vettura hix tieghu u wiegeb fl-affermattiv. Gie arrestat u interrogat u sussegwentament mixli bl-akkuza ta' serq fuq indikata.

Illi <u>**l-aggravji huma cari u manifesti**</u> u jikkonsistu fis-segwenti:

Bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbilancjat u inkomplut tal-provi. In effetti ma kien hemm assolutament l-ebda prova li torbot lill-esponent mas-serqa mertu ta' dawn il-proceduri. L-ewwel Qorti bid-dovut rigward deherilha illi sempliciment ghaliex

wiegeb meta mistoqsi mill-Pulizija Ezekuttiva dwar jekk il-vettura kienitx tieghu jew le huwa wiegeb fl-affermattiv. L-esponent spjega illi huwa fehem li l-Pulizija kienu qed jistaqsu dwar min huwa l-propjetarju tal-vettura pparkjeggata biswit il-vettura in kwistjoni izda l-ewwel Qorti m'accettatx din l-ispjegazzjoni.

Illi jigi relevat li abbazi tal-provi prodotti ma kienx jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ir-reita tal-esponent.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentament tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni u piena.

**Avv.**

*Appellant: (indirizz)*